# Q L U B !

Fi żwieġ il-Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), ma' Miss Biċe Cassar Pullicino.

*Il-lum, ħabib ta' ġewwa, nifraħ miegħek*
*wagt li ġo qalbek tħossu jżid il-hena,*
*l-hena li jibqa' fik u ġo qalb oħra*
*li twaħħdet miegħek.*

*Tifraħ il-lum, jien naf kemm tifraħ qalbek.*
*għax jiena doqtha wkoll l-imħabba tiegħek,*
*u dħalt ġo qalbek sew, u rajt il-wisa'*
*ta' qalbek kbira...*

*U jien kont nafu dan. Għax, għid, kif tista'*
*il-qalb ma tkunx bħall-moħħ fil-ġmiel, fil-kobor*
*li jien rajt fik, ħabib, iżejnu ġieħek*
*ma' tul żgħożiti?*

*Il-lum fil-wisa' ta' ġo qalbek kbira*
*daħlet qalb oħra: tkun bil-fors sabiħa*
*l-għażla minn qalb u moħħ bħal tiegħek, u inti*
*għażiltha sewwa.*

*Iftaħ, mela, dirgħajk, iftaħhom beraħ*
*biex tilqa' l-lum, fil-feraħ, l-imħabba ġdida!*
*Ara xi ġmiel!... Ersaq, tibżagħx: il-bewsa*
*tagħtik minn qalbha.*

*U t-tnejn, henjin, tgħixu bil-qlub imwaħħda*
*bla tixbgħu qatt mill-ħajja: u waqt li ħdejha*
*tisma', ħabib, minn fommha, bla tbatija,*
*. . . il-kelma sbejħa,*

*il-kelma li ħabbejt, li tħobb, maltija,*
*tħossu jiżdied il-hena; u ġewwa qalbek*
*tfawwar kull kelma żewġ għejjun ta' mħabba*
*tul ħajtek kollha.*

*Miegħek ukoll, ja sieħba ta' qalb kbira,*
*nifraħ il-lum. Tiegħek imħabbtu: ħudha...*
*'mma ħalli wkoll li f'qalbu jikber miegħek*
*il-ġieħ ta' Lsienna.*

DUN FRANS CAMILLERI.